# Il-Mawsulew ta' Spencer, Captain Sir Robert Cavendish Spencer u HMS Madagascar

*minn Ivan Bugeja*

## IL-MAWSULEW



Dan il-mawsulew hu wieħed mill-aktar monumenti famużi li hawn f'Malta, l-aktar għall-fatt li hu jinsab f'waħda mill-aktar arterji traffikużi ta' gżiritna, dik li mill-Ħamrun u l-Marsa twasslek lejn il-Belt Valletta. Il-mawsulew kien twaqqaf fl-1831 mill-ekwipaġġ tal-fregata tal-qawwa. tal-baħar tal-Ingilterra l-HMS Madagascar bħala tifkira dejjiema u f'ġieħ il-Kaptan Ingliż ta' din il-fregata, Sir Robert Cavendish Spencer li kien miet f'Lixandra.

L-iskrizzjoni li hemm fuq dan il-mawsulew tgħidilna li l-Kaptan Sir Robert Cavendish Spencer miet fuq il-vapur tiegħu `l barra minn Lixandra nhar l-4 ta' Novembru tal-1830. Tgħidilna wkoll li hu kien ġie midfun il-Belt Valletta fit-12 ta' Diċembru tal-istess sena. Sħabu l-baħrin kienu waqqfu dan il-monument b'forma ta' mawsulew tawwali f'April tal-1831. Il-monument tlesta f'Ġunju tal-istess sena. Oriġinarjament il-mafkar kien inbena fuq l-Għolja ta' Kordin, iżda għal xi raġuni, dan kien tneħħa minn hemmhekk u minflok tpoġġa fejn jinsab illum. Iċ-ċaqlieq kien sar f'Marzu tal-1893. Minn dakinhar `il quddiem l-inħawi ta' fejn illum hemm dan il-mawsulew bdew jissejħu 'L-Għolja ta' Spencer'.

Dan il-monument kien ġie mħażżeż u ppjantat mill-Arkitett Malti Giorgio Pullicino (1779-1851). Il-mawsulew hu mibni kollu kemm hu mill-ġebel tal-qawwi ta' Malta u għandu binja ta' tmienja u ħamsin filata. Taħtu hemm ħames tarġiet. Matul it-Tieni Gwerra Dinjija l-monument spiċċa milqut minn xi biċċiet ta' bomba Ġermaniża li kienet splodiet fil-viċin. Tajjeb ngħidu li meta lejn l-1965 kien ingħata bidu għall-proġett tal-*fly-over* ta' Blata l-Bajda, kienu bosta



43

dawk li ħasbu li dan il-monument kien se jitneħħa minn hemmhekk, iżda kontra ta' dak li ħasbu, dan ma seħħx. Dakinhar il-monument kien tmexxa lejn il-Lvant b'madwar mitejn metru. Fatt interessanti ħafna kien dak li ġara f'Ottubru tal-1975 meta waqt maltempata qalila li għamlet fl-inħawi, sajjetta laqtet il-parti ta' fuq ta' dan il-monument u b'konsegwenza li numru mdaqqas ta' ġebel spiċċa biex iġġarraf.

Fl-1998 dan il-mawsulew kien ġie restawrat mill-Organizazzjoni Mizzi. Ix-xogħol tiegħu nbeda nhar l-Erbgħa, 17 ta' Diċembru tal-1997, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Ħamrun. Preżenti għall-inawgurazzjoni tal-proġett tar-restawr kien hemm il-Ministru tal-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien, is-Sur Evarist Bartolo, it-Tabib Peter Attard, ex-Sindku tal-Ħamrun u d-Direttur tal-Organizazzjoni Mizzi.

## CAPTAIN SIR ROBERT CAVENDISH SPENCER


L-ARMA TAL-FAMILJA SPENCER

Robert Cavendish Spencer twieled nhar l-24 t'Ottubru tal-1791 fir-Renju Unit. Hu kien it-tielet wild tan-nobbli George John Spencer KG, PC, FRS, FSA, (1758-1834) u martu Lady Lavinia Bingham (1762-1831). Ħuh kien John Charles Spencer, in-nobbli tal-belt ta' Althorp, ġewwa Northamptonshire. Robert qabad il-karriera bħala baħri mal-qawwa tal-baħar tal-Ingilterra f'Awwissu tal-1804, meta beda jservi fuq il-bastiment HMS Tigre taħt id-direzzjoni tal-Kaptan Benjamin Hallowell. Aktar tard hu kien stazzjonat ġewwa Malta.



F'Diċembru tal-1810 hu kien promoss għall-grad ta' Luogotenent sabiex imbagħad f'Ottubru tal-1812 hu ħa t-tmexxija tal-bastiment HMS Pelorus. Imbagħad nhar it-22 ta' Jannar tal-1813 hu ngħata t-tmexxija tal-HMS Kite. Minn hemmhekk hu mexa għal mal-iskwadra navali qrib Marsilja taħt it-tmexxija tal-Kaptan Thomas Ussher. Xi snin wara hu ntbagħat iservi qrib il-kosta ta' New Orleans. Fl-1815 Robert Spencer ħa f'idejh il-kmand tal-HMS Cydnus u sentejn wara hu mexa għal fuq l-HMS Ganymede. Hawnhekk hu reġa' beda jopera minn ġol-Baħar Mediterran fejn għamel trattat mal-Gvernatur tal-provinċja ta' Tunis. Bejn l-1819 u l-1826 hu mexxa żewġ bastimenti oħra, l-HMS Owen Glendower fl-Amerika t'Isfel u wara l-fregata HMS Naiad fil-Mediterran, fejn hemmhekk hu ħa sehem fil-battalji tal-Alġerija u tal-Greċja. Bejn l-1827 u l-1828 Spencer kien inħatar bħala Segretarju personali tad-Duka u Ammiral Għoli ta' Clarence.

Imbagħad f'Settembru tal-1828 hu ħa l-kmand tal-fregata HMS Madagascar, fejn serva fil-Mediterran sakemm miet 'il barra mill-belt ta' Lixandra nhar

→ 45

l-4 ta' Novembru tal-1830. Tul il-karriera tiegħu mal-qawwa tal-baħar tal-Ingilterra Robert Spencer kien magħruf għall-kapaċitajiet tiegħu bħala Uffiċċjal tal-kanuni navali u bħala bniedem eżemplari. Eżatt qabel miet hu kien ġie mgħarraf li kien se jkun imlaħħaq fil-grad ta' *surveyor-general* tal-esplussiv. Tul ħajtu hu għamel xi żmien jgħix fil-Belt Valletta u qatt ma żżewweġ. L-aħbar tal-mewt tiegħu kienet ingħatat mill-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Novembru tal-1830. Aktar tard u nġieb Malta fejn indifen f'qabar sempliċi fil-parti t'isfel tas-swar ta' San Mikiel. Hu kellu 39 sena.

## IL-FREGATA HMS MADAGASCAR



Din il-fregata kienet ġiet ordnata nhar il-5 t'April tal-1817. Hi kienet mibnija fit-tarzna tal-*East Indian Company* ta' Bombay fl-Indja, fejn kienet varata nhar il-15 ta' Novembru tal-1822. Hi tlestiet minn kollox ġewwa Portsmouth f'Ingilterra f'Jannar tal-1829. Kienet waħda mill-fregati tal-klassi Seringapatom. Fl-1843 din il-fregata kienet baħħret lejn il-gżira ta' Ascension fil-baħar Atlantiku, madwar 3,000 mil 'il bogħod mill-baħar Mediterran. Imbagħad ftit snin wara l-1853 kienet intbagħtet f'Rio De Janiero fil-Brazil fejn serviet bħala bastiment biex fih jinħażnu l-provvisti. L-HMS Madagascar kienet inbiegħet sabiex tiżżarma nhar il-5 ta' Mejju tal-1863.



Din il-fregata kellha piż ta' 1,162 tunellata, tul ta' 48 metru b'12.32 metru wiesa'. L-uniku mezz li hi kellna sabiex tbaħħar kien il-qlugħ. Fuqha hi kellha ekwipaġġ ta' 315-il baħri u 46 kanun. Hi kienet ikklassifikata bħala fregata tal-ħames klassi. Xogħolha kien li tbaħħar fl-ibħra fejn kien ikun hemm il-bastimenti tal-pirati u li timblokka rotot tal-baħar kontrollati mill-qawwiet navali tal-Ingilterra. Fuq il-parti ta' quddiem nett din il-fregata kellha pulena li saret sabiex tfakkar il-pajjiż li għalih l-HMS Madagascar issemmiet.

Fost il-kaptani li mexxew lil din il-fregata kien hemm Sir Robert Cavendish Spencer, Edmund Lyons, Provo Wallis, John Foote, Robert Mann, John William Finch, John Ptolomy Thurburn, John Mortimor u Richard Dunning White.